*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,056, 19 ta' Mejju, 2023*
*Taqsima B*

**A.L. 108 tal-2023**

**ATT DWAR PORTIJIET U BASTIMENTI**
**(KAP. 352)**

**ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA**
**(KAP. 499)**

**Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 tal-Att dwar Portijiet u Bastimenti u l-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati), hawn aktar 'il quddiem msejħa "r-regolamenti prinċipali".

L.S. 499.49.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2023.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**2.** L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) ir-rati stipulati minnufih qabel in-noti tagħha għandhom jiġu sostitwiti b'dawn ir-rati ġodda li ġejjin:

"Rati għal kull bastiment tal-irmonk għal kull siegħa jew parti minnha

| Kolonna 1 | Kolonna 2 | Kolonna 3 |
|---|---|---|
| | Rati normali (*vide* nota 2) | Rati applikabbli bejn is-6 p.m. ta' jum u s-6 a.m. tal-jum ta' wara u fi kwalunkwe ħin nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd u fil-festi pubbliċi (*vide* nota 3) |

| | € | € |
|---|---|---|
| Għal bastimenti sa 3,000 tunnellati gross (gt) | 315 | 435 |
| Għal bastimenti ta' tunnellati gross (gt) bejn: | | |
| 3,001 u 6,000 | 395 | 570 |
| 6,001 u 10,000 | 500 | 720 |
| 10,001 u 13,000 | 600 | 865 |
| 13,001 u 16,000 | 700 | 1,015 |
| 16,001 u 20,000 | 855 | 1,235 |
| 20,001 u 24,000 | 985 | 1,435 |
| 24,001 u 35,000 | 1,120 | 1,630 |
| 35,001 u 45,000 | 1,215 | 1,785 |
| 45,001 u 60,000 | 1,335 | 1,965 |
| 60,001 u 80,000 | 1,480 | 2,195 |
| 80,001 u 100,000 | 1,630 | 2,415 |
| 100,001 u 150,000 | 1,755 | 2,585 |
| 150,001 u 200,000 | 1,920 | 2,835 |
| Għal bastimenti ta' iktar minn 200,000 tunnellati gross (gt) | 2,085 | 3,090". |

(b) il-proviso għan-nota (2) tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta jkunu meħtieġa bastimenti tal-irmonk aktar minn dawk il-bastimenti tal-irmonk ekwipaġġati kontinwament ġewwa l-Port il-Kbir, Il-Belt Valletta, Malta jew il-Port ta' Marsaxlokk, Malta rispettivament, id-drittijiet li għandhom jiġu mħallsa għal dawk il-bastimenti tal-irmonk addizzjonali li jkunu hekk meħtieġa għandhom jiġu kkalkulati bir-rati fil-Kolonna 3 jew id-drittijiet ikkalkulati bir-rati fil-Kolonna 2 miżjuda b'€385 għal kull bastiment tal-irmonk, skont liema rata tkun l-ogħla.";

(ċ) in-nota (3) tagħha għandha tiġi sostitwita b'din in-nota ġdida li ġejja:

"(3) Għal servizzi mogħtija bejn is-6 p.m. ta' jum u s-6 a.m. tal-jum ta' wara jew fi kwalunkwe ħin is-Sibt, il-Ħadd jew f'festa pubblika oħra, għandhom japplikaw jew id-drittijiet ikkalkulati bir-rati fil-Kolonna 3 jew id-drittijiet ikkalkulati bir-rati fil-Kolonna 2 miżjuda b'€755

għal kull bastiment tal-irmonk, skont liema rata tkun l-ogħla.";

(d) l-ewwel paragrafu u l-ewwel proviso għan-nota (6) tagħha għandhom jiġu sostiwiti b'dan li ġej:

"(6) Ir-rati pagabbli għall-għajnuna lil bastimenti li ma jbaħħrux waħedhom għandhom jiżdiedu b'ħamsin fil-mija, soġġetti għal minimu ta' €1,500 għal kull bastiment tal-irmonk sa 3,000 tunnellata gross (gt) u soġġetti għal minimu ta' €2,520 għal kull bastiment tal-irmonk għal bastimenti li jaqbżu t-3,000 tunnellata gross (gt):

Iżda dan id-dritt addizzjonali ma għandux japplika għal ċattri mingħajr mezz indipendenti ta' moviment u għal bastimenti oħra, it-tnejn taħt il-ħamsa u erbgħin (45) metru tul."; u

(e) in-nota (7) tagħha għandha tiġi sostitwita b'din in-nota ġdida li ġejja:

"(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 4, meta jiġi ordnat bastiment tal-irmonk addizzjonali għas-servizz b'żieda mal-bastimenti tal-irmonk li huma kontinwament ekwipaġġati ġewwa l-Port il-Kbir, Il-Belt Valletta, Malta jew il-Port ta' Marsaxlokk, Malta rispettivament, fi kwalunkwe ħin, mingħajr ma jingħata avviż minn qabel ta' mill-inqas erba' (4) sigħat, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' €500 għal kull bastiment tal-irmonk.".